**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Illum:** 4 ta' Novembru, 2020

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kylie Borg)**

**-vs-**

**Eric Attard ta' 30 sena detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 427789M**

***Kumpilazzjoni Nru.397/2020***

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat **Eric Attard** u cioe` talli:

Nhar l-24 ta' Ġunju, 2020, għall-ħabta tas-13.45 ta' wara nofsinhar, ġewwa Triq l-Imdina, Ħaż Żebbuġ:

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' David Pace f'periklu ċar, ikkaġunalu ġriehi ta' natura gravi, hekk kif iċċertifika Dr. Patrick Huhn MD;

2. U aktar talli kkommetta reat waqt li kien taħt ordni operattiv ta' liberta` kondizzjonata ta' sentenza mogħtija mill-Qorti ta' Malta, preseduta mill-Maġistrat Dott Rachel Montebello LL.D. nhar il-21 ta' Jannar 2020, liema sentenza saret definittiva w ma tistax tigi mibdula.

> Barra min dan, l-imputat Eric Attard huwa akkużat talli rrenda ruħu reċidiv b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati Malta, liema sentenza hija defenittiva u ma tistgħax tiġi mibdula ai termini ta' Artikolu 49 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza tallum, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe` wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li jinsab akkuzat bihom l-imputat, tal-fedina penali tieghu minn fejn jirrizulta li l-imputat mhux xi *first-time offender* u tac-cirkostanzi tal-kaz.

Jirrizulta bla ombra ta' dubbju li kien David Pace li wera' aggressivita` kbira lejn l-imputat u l-impjegati tieghu tant li ma ddejjaq xejn jidhol fl-istabbiliment ikkargat ghalihom u dan f'rabbja liema bhala fejn infexx fi kliem oxxenn u offensiv lejhom. Irrizulta wkoll mix-xhieda kif fil-hin li Pace dahal ghalihom huma bezghu ghall-inkoluminta` fizika taghhom. Dawn il-fatti nghataw piz fil-konsiderazzjonijiet tal-Qorti meta giet biex tqis il-piena li kellha tigi erogata li certament in vista ta' dawn ic-cirkostanzi partikolari ma ghandhiex tkun wahda karcerarja.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31, 49, u 216 tal-Kodici Kriminali, kif ukoll wara li rat l-artikoli 21 u 23 tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu w tikkundannah ghall-erbatax (14) il-xahar prigunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-tmintax (18) il-xahar millum kif ukoll ghall-*ammenda* ta' €200.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Il-Qorti tordna li l-atti, flimkien ma kopja ta' din is-sentenza jigu mibghuta lill-Avukat Generali fi zmien sitt ijiem ta' xoghol.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**